PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

16.6.2008 0057/2008

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Alexander Alvaro, Paulo Casaca, Jana Hybášková, Józef Pinior, Helga Trüpel

dwar li nħeġġu lill-Istati Membri biex jinkludu l-Ħeżbollaħ fil-lista terroristika ta’ l-UE

Data ta' skadenza: 23.10.2008

**0057/2008**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar li nħeġġu lill-Istati Membri biex jinkludu l-Ħeżbollaħ fil-lista terroristika ta' l-UE**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-UE impenjat ruħha għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tipprovdi ħarsien liċ-ċittadini tagħha,

B. billi l-Ħeżbollaħ huma theddida terroristika diretta għas-sigurtà ta' l-UE,

C. billi l-Ħeżbollaħ wettqu attakki terroristiċi kontra l-Ewropej, inkluż l-attakk bil-bombi fuq il-kontinġent Franċiż fil-Libanu (1983), l-attakk bil-bombi fuq l-Ambaxxata Franċiża fil-Kuwajt (1983), l-attakk bil-bombi fuq restorant f'Madrid (1985) u 13-il attakk bil-bombi fuq ċentri kummerċjali u faċilitajiet ferrovjarji fi Franza (1986), li ħallew 89 mejta u 'l fuq minn 250 ruħ midruba,

D. billi l-Ħeżbollaħ żviluppaw netwerk ta' ġbir ta' fondi u ta' ċelluli ta' appoġġ fl-Ewropa li jistgħu jiġu ttrasformati f'ċelluli operattivi kapaċi jwettqu attakki fuq it-territorju ta' l-UE,

E. billi l-fondi miġbura jippermettu lill-Ħeżbollaħ li jheddu l-Lvant Nofsani kollu kemm hu,

F. billi sitt pajjiżi, inklużi ir-Renju Unit u l-Olanda, elenkaw lill-Ħeżbollaħ bħala organizzazzjoni terroristika, filwaqt li pajjiżi oħra, bħall-Ġermanja u Franza, ħadu azzjoni legali kontra l-Ħeżbollaħ,

G. billi l-Ħeżbollaħ huma theddida għas-suldati ta' l-UE tal-UNIFIL,

H. billi l-Ħeżbollaħ jappoġġjaw u jikkoperaw ma' gruppi terroristiċi li jinsabu fil-lista terroristika ta' l-UE, pereżempju l-Ħamas,

I. billi l-Ħeżbollaħ ixandru l-istazzjon televiżiv Al-Manar fl-Ewropa, u b'hekk iħeġġu l-mibgħeda u l-vjolenza kontra l-Punent, filwaqt li jigglorifikaw l-attakki suwiċid u jużaw versi mill-Koran sabiex jiġġustifikaw u jippromwovu l-vjolenza,

1. Jistieden lill-Istati Membri ta' l-UE biex ipoġġu l-Ħeżbollaħ fuq il-lista ta' l-UE ta' organizzazzjonijiet terroristiċi;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri.